MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 818/2005

**Montaldo Insurance Agency Limited (C 1052) bhala agenti ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera American Home Assurance Company**

**vs**

**H.P. Cole Limited (C 20)**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni tas-socjeta' Montaldo Insurance Agency Limited bhala agenti ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera American Home Assurance Company, li permezz taghha, wara li ppremettiet illi:

Is-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' sitt elef, sitt mija u hamsa u sittin Lira Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm6,665.27) rapprezentanti

premia ta’ poloz ta’ assigurazzjoni mahrugin f’isem is-socjeta’ konvenuta fuq inkarigu taghha stess.

Ghalkemm interpellata diversi drabi biex thallas, u dana anke permezz ta’ ittra ufficjali datata 4 ta’ Awissu 2005 (kopja hawn annessa u mmarkata Dok. A), is-socjeta’ konvenuta xorta wahda baqghet inadempjenti.

Tghid is-socjeta’ konvenuta ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

Tiddeciedi li s-socjeta’ konvenuta hija debitrici tas-socjeta’ attrici fis-somma ta’ sitt elef, sitt mija u hamsa u sittin Lira Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm6,665.27).

Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas dan l-ammont lis-socjeta’ attrici.

Bl-interessi dekorribbli mid-data ta’ l-Ittra Ufficjali.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni, inkluzi dawk ta’ l-ittri ufficjali fuq imsemmija u tal-Mandat ta’ Sekwestru pprezentat kontestwalment ma’ din ic-citazzjoni.

Rat li ghalkemm debitament notifikata, H.P. Cole Limited baqghet ma pprezentat l-ebda twegiba.

Ikkunsidrat illi s-socjeta’ rikorrenti ppruvat ghas-sodisfazzjon ta’ din il-Qorti illi l-intimata ghadha debitrici taghha fl-ammont ta’ elfejn, mitejn u tnejn u erbghin Ewro u tletin centezmu (€2,242.30), stante li waqt il-proceduri ghamlet xi pagamenti akkont.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ l-ewwel talba u tiddikjara illi s-socjeta’ konvenuta hija debitrici tas-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ elfejn, mitejn u tnejn u erbghin Ewro u tletin centezmu (€2,242.30);

Tilqa’ t-tieni talba u tikkundanna lis-socjeta’ H.P. Cole Limited thallas lil Montaldo Insurance Agency Limited is-somma ta’ elfejn, mitejn u tnejn u erbghin Ewro u tletin

centezmu (€2,242.30), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif mitluba fic-citazzjoni.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn H.P. Cole Limited.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------